***Rapport Amministrattiv***
***Kunsill Lokali Santa Venera***
***għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2012***

***<u>Introduzzjoni:-</u>***

Jiena nħtart Aġent Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill Lokali Santa Venera b'seħħ mid-19 ta' Diċembru, 2011 u nħtart Segretarju Eżekuttiv fl-4 ta' Frar 2013.

***<u>Bidu:-</u>***

Is-Sinj Gusman ħadet ħsieb li tara f'liema fażi kienet waslet il-ħidma tal-Kunsill u jekk il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill kienx qed jiġi mwettaq kif imwiegħed. Is-Sindku pprova jippreżenta il-Pjan ta' Ħidma iżda, xi Kunsillieri baqgħu ma ppreżentawx il-Pjan ta' Ħidma u s-Sindku deher li kien lest li jibqa' għaddej bil-Pjan ta' Ħidma tiegħu. Fost il-proġetti maħsuba kien hemm dak magħruf bħala Skate Park fi Triq il-Ferrovija, li minħabba nuqqas ta' fondi għalissa, tpoġġa fuq l-ixkaffa; tal-proġett ta' fuq ir-rawndebawt ta' Santa Venera (L-Ark ta' Wignacourt) u fuq il-Proġett tal-PPP, Tisbiħ taż-żewġ Playgrounds - Ġuże' Flores u Beatu Dun Ġorġ Preca, il-Ġonna ta' ma' Casa Leoni - inkluż Romeo Romano.

Is-Sinjura Gusman lanqas ingħatat handover mingħand l-Eks Aġent Segretarju – s-Sur Joseph M Formosa u lanqas ma laħqet l-iskrivana (Maria Aquilina) li rriżenjat fl-aħħar ta' Diċembru 2011. Fil-fatt l-eks Aġent Segretarju s-Sur Formosa ma ppreparax il-*mid-term audit*. L-Iskrivan l-ieħor - Carmel Busuttil weġġa' fuq il-post tax-xogħol fis-26 ta' Diċembru 2011 u ħareg b'*injury leave* minħabba ksur f'idu.

Is-Sinj Gusman bdiet tipprova tara kif ħa tmexxi l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali. Inħareg avviz għal skrivan/a mal-Kunsill u nżammu l-intervisti. Il-Kunsill kien diġa' kellu lista tal-applikanti mibgħuta mill-ETC. Dawn issejħu kollha u saru l-intervisti fuq jumejn. Is-Sinjorina Juliana Attard intgħażlet u aċċettat li taħdem mal-Kunsill wara li l-kanditata li ġiet l-ewwel irrifjutat il-post battal peress li kienet laħqet sabet xogħol ieħor.

Kellu jinxtara apparat teknoloġiku amministrattiv għall-ufiċċju tal-Aġent Segretarju u għall-ħaddiema klerikali. Dan kien jinkludi *upgra*de ta' *software*.

Bħala Kunsill Lokali Santa Venera saru diversi laqgħat uħud minnhom issejħu b'urġenza. Is-Sinjura Gusman kellha tieħu ħsieb li tipprepara minuti ta' dawn is-seba' laqgħat pendenti tas-sena ta' qabel – 2011; minħabba li l-eks Aġent Segretarju J. M. Formosa ħa r-*Recordings* u ma ġabhomx lura. Fil-fatt, il-każ għadu f'idejn il-Pulizija. Il-minuti ġew ippreżentati waqt il-Laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 22/18 li nżammet fil-11 ta' Ġunju 2012. Matul is-sena 2012, saru 47-il laqgħa tal-Kunsill Lokali, fejn uħud minnhom issejjħu b'urġenza.

F'Ottubru, l-Kunsill Lokali ħareg numru kbir ta' *Tenders* – għaxra (10) b'kollox peress li kien hemm *Tenders* li kienu skadew u oħrajn li kienu ilhom ma jissejħu. Dawn it-*Tenders* kienu kif ġej:

1. *Tender No : SVLC/T/01/12 - Maintenance of Traffic Signs, Installation of Mirrors and Road markings /painting*
2. *Tender No : SVLC/T/02/12 - Upkeep of Gardens, Playgrounds and Soft Areas*
3. *Tender No : SVLC/T/03/12 - The Collection of Bulky Refuse*
4. *Tender No : SVLC/T/04/12 - Opening, Closing and Upkeep of Public Convenience*
5. *Tender No : SVLC/T/05/12 - Transport for Day Centre*
6. *Tender No : SVLC/T/06/12 - Opening, Closing and Surveillance of Casa Leoni including Romeo Romano Gardens and Playing Fields*
7. *Tender No : SVLC/T/07/12 - Street/Pavement sweeping, Weeding and Cleaning of soft areas, gardens and playing fields*
8. *Tender No : SVLC/T/08/12 - Provision for Services of a Qualified Accountant*
9. *Tender No : SVLC/T/09/12- Local Council Contracts' Manager*
10. *Tender No : SVLC/T/10/12 - Day Centre / Local Council Administration Building*

Peress li wieħed mill-Kunsillieri ma kienx attenda għall ftuħ ta' dawn it-Tenders, il-Kunsill Lokali kellu jerġa jibgħat lil kull minn tefa' it-*Tender* sabiex jattendi għall-ftuħ mill-ġdid tat-*Tenders* ħalli ssir ix-*Scheduling* mill-ġdid. Minħabba f'hekk it-*Tenders* li suppost kellu jsirilhom il-kuntratt f'nofs Diċembru 2012, sarilhom għan-nofs Jannar 2013.

***<u>Diversi Xogħolijiet</u>***

Matul is-sena sar xogħol fuq xi bankini u fit-toroq, bħal żebgħa għal-linji gwida ta' karozzi, muturi, RESERVED, *Loading/Unloading*, inxtraw mijiet ta' xkejjer ta' tarmac biex jimtlew il- ħofor fit-toroq, inxtraw żewġ pompi tal-i*Stainless Steel* u żdiedu l-*irrigation pipes* għal mal-Ġonna kollha li jmissu ma' Casa Leoni—inkluż Romeo Romano, nxtrat xi għodda għall-istess Ġonna, nxtraw il-fjuri u applikaw għal tisbiħ tal-playgrounds. Dan ix-xogħol sar miż-żewġ ħaddiema tal-IPSL u ieħor misluf mill-MRRA. Imma ħaddiem tal-MRRA qabad u telaq wara li rċieva diversi *warnings* fuq l-atteġġjament tiegħu mal-Aġent Segretarju. Ħaddiem tal-IPSL talab biex imur jaħdem fuq post tax-xogħol iehor, filwaqt li l-aħħar ħaddiem tal-IPSL ittieħed mill-Kunsill Lokali mingħajr avviz. Sar xogħol fuq il-Ġonna Casa Leoni u Romeo Romano u xogħol ta' tisbiħ u żebgħa fil-Ġnien Ġuze Flores, li jinsab fit-Triq il-Paroċċa minn parteċipanti tal-Iskema tal-Komunita' ETC. Il-Kunsill Lokali kellu madwar 15 minn dawn il-parteċipanti imma dawn ukoll ittieħdu mingħajr avviż wara li ma lestewx xi xogħol li kellhom jagħmlu sa qabel il-Milied.

Il-Kunsill Lokali kien ilu li applika għat-Timed Parking f'Santa Venera u fl-aħħar it-Transport Malta beda iwaħħal dawn it-Tabelli madwar Santa Venera.

Id-diffikultajiet ma naqsux iżda l-ħidma kompliet. Il-Kunsill għamel dak kollu li seta' sabiex ilaħħaq u jissodisfa l-ilmenti tal-pubbliku. L-Ilmenti tal-pubbliku kienu jinkludu *refreshing* ta' żebgħa għall-ipparkjar, ipparkjar riservat, eċċ; bozoz maqtugħin kemm dawk responsabbli minnhom il-Kunsill kif ukoll, dawk responsabbli minnhom l-Enemalta, ħofor fit-toroq residenzjali u oħrajn, ipparkjar ta' ħaddiema li jipparkjaw f'postijiet residenzjali, wajers imdendlin, bankini kollha ħofor\ħżiena, eċċ. Saru diversi kommunazzjonijiet mat-Transport Malta sabiex japprovawlna ċerta xogħol fit-toroq li kellu jsir mill-Kunsill Lokali.

***<u>Proġetti:</u>***

Il-Kunsill ukoll kien qiegħed (u għadu) jaħseb sabiex isib post aktar adattat bħala post għall-amministazzjoni tal-Kunsill sabiex ikun aktar aċċessibbli. Fil-fatt inħareg *Tender Day Centre – Administrative Building* għal xiri ta' post aċċessibbli għall-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill u intefgħet offerta mill-propjetarju tal-Fabbrika tas-7Up fi Triq Il-Kbira San Ġużepp. Jekk jirnexxi, dan il-proġett partikulari ikun hemm bini ta' Kunsill Lokali ġdid aċċessibli għal kulħadd, librerija diġitali, berġa, uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali u Ċentru ta' matul il-Jum għall-Anzjani. Dan il-fond jiswa' aktar minn nofs miljun ewro. Saru diversi laqgħat mas-Sur Michael Bugeja u mal-Perit tiegħu Cortis sabiex jgħatu pjanti mqassma kif jixtieq il-Kunsill ħalli l-Aġent Segretarju tkun tista' tikteb lid-Dipartiment ħalli l-Kunsill jkun jista' jitlob xi *loan* mill-*Bank of Valletta.*

Il-Kunsill talab għad-devoluzzjoni tas-sit biswit l-istess Bini Amministrattiv tiegħu bit-tama li dan is-sit ikun jista' jinbena mill-Kunsill.

Illi qabel dawn is-siti, s-Sindku pprova kemm-il darba jfittex postijiet oħra u kien ipprova wkoll, biex nieħdu xi swali mill-Kumpless Umberto Calosso iżda, kien kollu għalxejn.

Saru diversi laqgħat dwar il-proġett tal-Ark ta' Wignacourt fejn il-Bank of Valletta kien ta garanzija ta' ħamsin elf lira Maltija (Lm50,000.00) kif kien miftiehem mal-MEPA meta nbena ċ-Ċentru tal-Bank ġewwa Santa Venera. Beda x-xogħol tal-proġett tal-Ark ta' Wignacourt fuq ir-rawndebawt ta' Santa Venera u, s-Sindku ta' Santa Venera rringrazzja lis-Sindku ta' B'Kara Michael Fenech Adami u lill-Viċi Sindku ta' Santa Venera u, Ċermen tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur de Lys Ronald Briffa talli ħadmu flimkien biex irnexxa dana l-proġett ta' patrimonju nazzjonali.

Il-Kunsill talab għad-devoluzzjoni tar-*roundabout* ta' Santa Venera.

Il-proġett ta' ħames toroq taħt il-*Public Private Partnership* (*PPP*) huwa proġett ta' fejda għal Santa Venera u l-Kunsill ħadem bi sħiħ dwar dan. Għalkemm dan il-proġett jorbot il-finanzi tal-Kunsill fit-tul jidher lir-riżorsi finanzjarji tal-Kunsill, jekk ikkontrollati sewwa ilaħqu għalkemm jidher li jista' ikun hemm limitazzjoni fi proġetti oħra tal-Kunsill.
Toroq residenzjali li nksew bit-tarmak huma dawn - parti minn Triq Abela, Triq Braille, Triq Msida u Triq Il-Lunzjata bis-servizzi tal-ilma u d-drenaġġ u, se jibda l-istess xogħol fuq Triq Misraħ Il-Barrieri. Fi ftit żmien ieħor se jibdew ukoll, ix-xogħlijiet fuq Misraħ Santa Venera, fejn se jsir xogħol ta' tisbiħ b'tipi differenti ta' ċangaturi, se jkun hemm statwa kbira ta' Santa Venera fuq pedistall li fuq wara tiegħu se jkun hemm l-istatwa ta' San Pawl Rieqed, magħluqa bil-ħġieġ u, se jkun hemm post għal funtana.

Il-Kunsill għandu jkompli jagħmel toroq ġodda bħal Triq San Ġorġ, Triq Ħal Qormi, Triq Reġjunali, fejn f'dina t-triq għadu kemm ħareġ tender mit-TM għall-*acoustic barriers* biex almenu, r-residenti jeħilsu ftit mit-tniġġiż tal-arja u tal-istorbju.

Dwar il-kawża li nqalgħet fuq konsum kbir tal-ilma fil-latrina pubblika fl-aħħar ntlaħaq xi ftehim mas-Segretarju il-ġdid tal-Klabb tal-Boċċi fejn il-Kunsill Lokali talab lil-ARMS Ltd biex jibgħatu l-aħħar kont mingħajr l-interessi. L-ARMS Ltd ma aċċettawx li ma jitħallsux l-

interessi u l-kont tħallas kollu mill-Kunsill Lokali. Inħareg *Tender* fuq il-Latrina Pubblika fejn dan intrebaħ minn Kumpanija u l-kont tad-dawl u l-ilma ser jibda jitħallas mill-kuntrattur fiż-żmien stipulat skont t-*Tender*.

Inżabru s-siġar ta' Triq Il-Kbira San Ġużepp u diversi siġar mal-madwar ta' Santa Venera.

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera ħa t-tieni post f'Malta, fil-*European Destinations of Excellence (EDEN)* fir-rigward tal-Ġonna ta' Casa Leoni (inkluż Romeo Romano) u s-Sindku kien mistieden biex jattendi seminar Brussell iżda, minħabba l-impenji li kellu marret floku, is-Segretarju tal-Kunsill.

***Żgħażagħ u Kultura***

Il-Kunsill ta' Santa Venera ingħaqad mal-Kunsilli Lokali ta' Ħal Tarxien, Bormla u ż-Żebbuġ, Għawdex, fil-FOCUS Group fil-Ministeru tat-Turiżmu sabiex jitħajru t-turisti biex jiġu jżuru l-itinerarji fil-lokal tagħna. Fil-fatt, l-ewwel beda jattendi s-Sindku u fl-aħħar laqgħat bdiet tattendi s-Sinj. Gusman.

Youth Exchanges bis-saħħa tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. L-aħħar wieħed kien *Youth in Action Programme "ON MOVE…ON MOVE*....all together fejn ħadu sehem Santa Venera minn Malta, Croatia u Portugal u ħadu somma flus.

Il-Kunsill għandu jara kif ikollu aktar finanzi ħalli jibni dak il-Park ta' Triq Il-Ferrovija li huwa approvat mill-MEPA, ħalli l-Familji jkollhom post xieraq u attraenti fejn jirrekkrejaw ruħhom.

***Attivitajiet:***

Ġiet organizzata Festa b'Differenza fejn ħadu sehem diversi entitatjiet, għaqdiet voluntarji non governattivi, kumpaniji u studenti universitarji. Din l-attivita' kienet għall-pubbliku u saret fil-Ġonna ta' Casa Leoni u Romeo Romano nhar is-Sibt 7 ta' Lulju 2012.

Is-Sibt 21 ta' Lulju, 2012, inżamm riċeviment tal-Festa ta' Santa Venera mill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera fi Ġnien Casa Leoni u Romeo Romano fejn ġew mistiedna il-membri tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, Ministri, personalitajiet distinti, kuntratturi u ħaddiema tal-Kunsill.

Sar ukoll it-tberik tal-Annimali u tal-Bhejjem il-Ħadd 21 t'Ottubru 2012 fejn tqassmu trofej lill-kull min ħa sehem.

L-Erbgha 14 ta' Novembru 2012, inżamm Ġieħ Santa Venera 2012 fejn il-Ġieħ ingħata lill-Patri Robert Farrugia O Carm u wara nżamm riċeviment fis-Sala ta' Casa Leoni Santa Venera.

Il-Kunsill Lokali ħa sehem fir-raba' *President's Fun Run* nhar il-Ħadd 2 ta' Diċembru 2012. L-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali baqa miftuħ għall-pubbliku dakinhar u s-Sindku s-Sur Horace J Anastasi u s-Sinjura Louise-Anne Gusman imxew mal-President u s-Sinjura tiegħu flimkien mal-parteċipanti distinti.

***Konklużjoni:-***

Il-*financial statements* għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2012 jifformaw parti minn dan ir-rapport amministrattiv. Il-*financial indicator* tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera fl-aħħar kwart tas-sena 2012 kien b'saħħtu ħafna – 90%.

Jidher li jekk ikun hemm aktar ħidma ko-ordinata fejn kulħadd ikun konxju tal-ħidma u r-responsabbilita' kemm rispettiva kif ukoll kollettiva jinħoloq aktar teamwork kemm qalb il-Kunsillieri kif ukoll ikun hemm aktar kordinament tax-xogħol bejn il-Kunsill u l-amministrazzjoni.

Nixtiequ nirrakkomandaw li jkollna minn tal-inqas ħaddiem ieħor klerikali sabiex inkunu nistgħu inlaħħqu mal-ammont ta' xogħol amministrattiv li dejjem qiegħed jiżdied u sabiex inkunu nistgħu nippreparaw dokumenti għal-proġetti ġodda u biex napplikaw għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja. Importanti li l-Ħaddiema manwali, li bħalissa huma mill-iskema speċjali tal-ETC, jingħataw l-għodda sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-ħidma tagħhom tajjeb. Fil-fatt hemm bżonn li l-Kunsill ikollu vettura sabiex jinġarr it-tarmak u żebgħa ghax-xogħolijiet li jridu jsiru minn dawn l-istess ħaddiema. Hemm bżonn li jinxtara *compactor* biex it-tarmak jitqiegħed kif suppost u jiġi ibbatmat.

Is-Santwarju tal-Qtates fil-Ġonna Casa Leoni u Romeo Romano għandu jkun aktar attrezzat u l-Kunsill għandu jgħin lill-Voluntieri li jonfqu ħafna flus biex jitimgħuhom, biex jikkurawhom u anki jsewwuhom.

Kif hemm imminuttjat, hemm bżonn lill-partijiet 'l oħra tal-Ġonna jinfetħu għall-pubbliku wara li jsir xogħol fuq iċ-ċint eżistenti. Il- Kunsill ta' Santa Venera għandu jippriserva l-wirt storiku ta' dawn il-Ġonna u għandu jagħmel użu tajjeb minnhom u, għandu jitlob id-devoluzzjoni tagħhom għax għandu potenzjal qawwi ħafna. Dawn il-Ġonna għandhom jintużaw ukoll, għar-Riċevimenti ta' tiġijiet u attivitajiet oħra.

Finalment nixtiequ nirringrazzjaw lill-Kunsillieri, lill-ħaddiema tal-Kunsill kemm klerikali kif ukoll, il-ħaddiema tal-iskema speċjali tal-ETC, lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, lil Kuntratturi kollha li jaħdmu mal-Kunsill Lokali u lil dawk kollha li jgħinu fl-amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex jaħdmu b'risq ir-residenti kollha ta' Santa Venera.

| | |
|---|---|
| Horace J Anastasi | Louise-Anne Gusman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Santa Venera
(31/12/2012)